MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 108/2006

**Ir-Registratur tal-Qorti (Ghawdex)**

**Vs**

**Teddy sive Guda Taddeus Grima**

**Sentenza fuq proceduri ta' disprezz.**

**Il-Qorti;**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-22 ta' Settembru 2006, l-attrici talbet li l-konvenut jigi ddikjarat li huwa hati ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti u sabiex tikkundannah ghal xi wahda mis-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 997 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u sabiex inehhi kull inkonvenjent li jirrizulta li ghadu ma tnehhiex.

L-attrici ppremettiet li:-

Permezz ta' rikors prezentat fit-12 ta' Ottubru 2004, it-tabib John Cassar u martu Judith Cassar talbu l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenut sabiex jigi inibit milli jkompli jaghmel xogholijiet ta' skavar u tqattiegh ta' art u blat fil-fond retrostanti dak tal-konjugi Cassar fi Triq Giuseppe Cali, Ghajnsielem u dan peress li l-iskavar u tqattiegh ta' blat qed johloq thezziez rizultanti minn hafna konsenturi u anke f'periklu ghall-istabbilita' tal-bini tar-rikorrenti.

Il-Qorti laqghet it-talba tal-konjugi Cassar provizorjament. Fil-kors tas-smiegh tar-rikors il-partijiet waslu fi ftehim fir-rigward tax-xogholijiet li jistghu jitwettqu mill-konvenut u kif ghandhom isiru. Pero' fit-2 ta' Novembru 2004 il-konjugi Cassar ipprezentaw rikors fil-Qorti u permezz tieghu gharrfu lill-Qorti li fit-28 ta' Ottubru 2004 il-konvenut baqa' ghaddej bix-xoghol in vjolazzjoni tal-ftehim in kwantu baqghu jintuzaw ingenji li kienu qeghdin joholqu vibrazzjonijiet li kienu qed jikkawzaw danni lill-konjugi Cassar. Sussegwentement fl-1 ta' Novembru 2004, il-konvenut kompla bix-xogholijiet u ma halliex id-distanza ta' zewg piedi u nofs mill-hajt divizorju.

Permezz ta' digriet moghti fit-28 ta' Frar 2006, il-Qorti ordnat li peress li *prima facie* jidher li l-konvenut kien naqas milli joqghod ghall-verbal tal-partijiet li sar fis-27 ta' Ottubru 2004, ordnat li jittiehdu proceduri ta' disprezz kontra tieghu.

Min-naha tieghu l-konvenut iddefenda ruhu[1] billi qal li qatt ma kellu ntenzjoni li jonqos mir-rispett lejn l-awtorita' tal-Qorti, li wara l-mandat ix-xoghol sar b'ingenji zghar, bena wkoll retaining wall tal-bricks.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha nkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 59/2004 fl-ismijiet **Dr. John Cassar et vs Teddy sive Guda Thaddeus Grima** prezentat fit-12 ta' Ottubru

[1] Fol. 6.

2004 u **Dr. John Cassar et vs Salvu Attard et** (numru 55/2004) prezentat fil-25 ta' Settembru 2004.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' April 2007 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:-

(a) It-tabib John Cassar u martu Judith Cassar huma proprjetarji tal-fond Mater Dei, Triq Giuseppe Cali, Ghajnsielem, Ghawdex.

(b) Fl-art retrostanti ghal dik tal-konjugi Cassar sar xoghol ta' zvilupp. Din il-proprjeta' tappartjeni parti lill-konvenut u parti ohra lil Salvu Attard u Paul Spiteri.

(c) Fit-12 ta' Ottubru 2004, il-konjugi Cassar ipprezentaw rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (numru 59/2004) fejn talbu li l-konvenut jigi inibit milli *"jkompli jaghmel xoghol ta' skavar u tqattih ta' art u blat fil-fond retrostanti ghall-dak tal-intimati, fi Triq Giuseppe Cali' Ghajnsielem, li jgib l-isem ta' Mater Dei, liema fond tal-intintimat ghandha l-faccata taghha fuq triq Frangisk Mizzi, Ghajnsielem, u dana peress li b'tali skavar u tqattieh ta' blat qed johloq thezziz rizultanti f'hafna konsenturi u anke f'periklu ghall-istabilita' tal-bini tal-esponenti"*.

(d) Permezz ta' digriet moghti fit-12 ta' Ottubru 2004, il-Qorti laqghet provizorjament it-talba tal-konjugi Cassar ghall-hrug tal-mandat. Digriet li gie notifikat lill-konvenut dakinhar stess (fol. 3 a tergo ta' l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 59/2004AE).

(e) Fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2004 gie verbalizzat li:- *"Dr. Joseph Grech ghan-nom ta' Teddy Grima, minghajr ammissjoni tal-fatti kif esposti, jobbliga ruhu li ssir trinka li permezz taghha ser tigi izolata l-blat ta' taht il-bini tar-*

*rikorrenti mill-bqija tat-terren u b'hekk jitnaqqsu u jigu eliminati l-vibrazzjonijiet li jistghu jigu trasmessi ghal taht is-sottoswol tar-rikorrenti……. Ghal kull buon fini ghandha tithalla distanza ta' zewg piedi u nofs mill-hajt divizorju skond il-ligi. Inoltre sabiex issir din it-trinka ghandha tintuza JCB tar-roti. Sadanittant il-partijiet huma awtorizzati jaghmlu x-xoghlijiet kif fuq indikat"*.

(f) Permezz ta' rikors prezentat fit-2 ta' Novembru 2004, il-konjugi Cassar ipprezentaw rikors fejn ilmentaw li:-

- Fit-28 ta' Ottubru 2004, kompla x-xoghol u baqghu jintuzaw l-ingenji li kienu qeghdin joholqu l-vibrazzjonijiet u trehid.
- Fl-1 ta' Novembru 2004, il-konvenut kompla bix-xoghol u ma halliex id-distanza ta' zewg piedi u nofs mill-hajt divizorju.

(g) Jirrizulta li fit-tqattiegh tal-bla ma nzammitx id-distanza li timponi l-ligi.

(h) B'digriet moghti fit-28 ta' Frar 2006, il-Qorti ordnat li jittiehdu proceduri ta' disprezz kontra l-konvenut ghaliex prima facie rrizulta li ma osservax dak li gie pattwit fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2004.

2. Il-kawza odjerna hija procedura ta' disprezz; *"Il-procedura ta` disprezz hija mahsuba biex thares ir-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti. Wahda mis-setghat ewlenin ta` kull Qorti hija dik li taghti ordnijiet lil xi hadd, kemm jekk biex dik il-persuna taghmel xi haga, jew biex dik il-persuna ma taghmilx xi haga. Il-ksur ta` kull ordni jikkostitwixxi disprezz ghall-awtorita`, li, bis-sahha taghha, dik l-ordni tkun inghatat. Kif jghallem Lord Denning fil-kawza "In re Bramblevale Ltd (1970)", "This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempt's of court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt""* (**Registratur, Qrati Civili u Tribunali**

**vs Mario Caruana et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Onor. Imhallef Tonio Mallia) fl-20 ta' April 2007)[2].

3. Mill-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 55/2004 jirrizulta li fil-mori ta' dawk il-proceduri, il-konjugi Cassar waslu fi ftehim ma' Salvu Attard u Paul Spiteri (proprjetarji ta' plot biswit dik tal-konvenut) dwar kif kellu jsir it-tqattiegh tal-blat. Ftehim li sar fis-seduta tal-1 ta' Ottubru 2004. Il-proceduri kontra l-konvenut gew intavolati fit-12 ta' Ottubru 2004. Ghalkemm jidher li kien diga' sar tqattiegh (xi pied il-boghod mill-hajt divizorju li jaqsam il-proprjeta' tal-konjugi Cassar minn dik tal-konvenut), fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2004 il-konvenut obbliga ruhu li fl-iskavar li jsir fil-proprjeta' tieghu jzomm id-distinza legali. Il-Qorti hi sodisfatta li mill-provi rrizulta li wara s-seduta tas-27 ta' Ottubru 2004, kompla jsir thaffir li bih ma nzammitx id-distanza ta' zewg piedi u nofs li timponi l-ligi. Rilevanti l-fatt li t-tkomplija tax-xoghol kienet giet awtorizzata f'dik is-seduta in vista tal-obbligazzjonijiet li assuma l-konvenut. Fil-kors tat-trattazzjoni d-difensur tal-konvenut argumenta li gialadarba kienet diga' saret trinka ta' certu gholi qabel il-prezentata ta' dan il-mandat, f'dak l-istadju ma kienx prattiku li tinzamm id-distanza imposta mil-ligi. Huwa minnu li kemm il-perit inkarigata mill-konjugi Cassar (il-perit Annamaria Attard Montalto) u l-perit inkarigat mill-konvenut (il-perit Emmanuel Vella) xehedu li f'dawk ic-cirkostanzi mill-aspett tekniku kien jaghmel sens li jkompli jsir tqattiegh tal-kumplament tal-blat u mhux tithalla xkaffa. Madankollu, il-Qorti hi tal-fehma li gialadarba l-konvenut kien obbliga ruhu li jzomm id-distanza li timponi l-ligi u nghata d-dritt li jkompli jahdem taht dik il-kondizzjoni, messu osservaha. Jekk ried li jkun hemm xi varjazzjoni kellu jew jilhaq ftehim mal-konjugi Cassar jew kellu jressaq l-ilment tieghu ghal konsiderazzjoni tal-Qorti. Certament ma kellu l-ebda jedd li jaqabad u unilateralment ivarja dak li kien gie pattwit u

---

[2] *"Jiehtieg li kulhadd jifhem li biex* ***jinzamm il-bwon ordini fis-socjeta'*** *hadd ma jista' jmur kontra l-ligi. Ordni tal-Qorti ghandu jkun obdut u se mai ghandu jkun jkun kontestat fi proceduri ad hoc; izda certament tali ordni ma tistax tigi injorata"* (**Registratur tal-Qorti vs Simon Bellotti** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Onor. Imhallef N. Cuschieri) fl-10 ta' Dicembru 2003).

kkonfermat mill-Qorti u jaghmel fattih. Hekk jirrizulta li ghamel il-konvenut f'dan il-kaz. Ftehim ghandu jigi osservat kif wara kollox ghandhom jigu osservati l-ordnijiet tal-Qorti[3]. Mill-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 59/2004 huwa car li l-konvent ma kellu l-ebda jedd li jqatta' blat f'distanza ta' inqas minn zewg piedi u nofs mill-hajt divizorju li jaqsam il-proprjeta' tal-konjugi Cassar milli proprjeta' tieghu, u anzi kien milqut b'ordni tal-Qorti biex ma jaghmilx thaffir f'distanza ta' inqas minn zewg piedi u nofs mill-hajt divizorju[4]. Kif tajjeb gie sottolinejat mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Edward Camilleri noe vs Carmelo Vella** deciza fis-7 ta' Ottubru 1997:- *"Ordni ta' Qorti tista' tigi biss reza ineffettiva b'ordni iehor kuntrarju ta' dik il-Qorti jew ta' Qorti ohra u sakemm dan javverra ruhu hu obbligu ta' min ikun gie hekk ordnat li jagixxi skond di l-ordni taht piena fin-nuqqas ta' disprezz lejn l-awtorita' taghha"*[5]. Il-Qorti ma tistax ukoll tonqos milli tirrimarka dwar l-atteggjament tal-konvenut wara li l-konjugi Cassar ipprezentaw rikors fit-2 ta' Novembru 2004 sabiex il-Qorti tordna li jittiehdu proceduri ta' disprezz kontra tieghu. Il-konvenut ipprezenta risposta fl-24 ta' Novembru 2004 u ddikjara li *"d-distanza legali ta' zewg piedi u nofs ghadhom kollha intatti"*, meta dan ma kienx minnu[6]. Il-perit inkarigat mill-konvenut stess[7] ikkonferma li ma nzammitx din id-distanza (seduta tal-25 ta' April 2007), kif wara kollox jirrizulta wkoll mir-rapporti tal-perit Maria Attard Montalto datati 18 ta' Novembru 2004 u 7 ta' Frar 2005.

---

[3] *"Min jikser obbligu lilu impost mill-Qorti fuq mandat ta' inibizzjoni tal-parti kuntrarja jirrendi ruhu hati ta' disprezz ghall-awtorita' tal-Qorti. Xejn ma jiswa li l-motiv li jkun gieghlu jikser dak l-ordni jkun ta' min jissimpatizza mieghu minghajr ma jigi mehud in konsiderazzjoni l-punt legali; ghax mill-punto di vista guridiku dak il-motiv ma hu ta' l-ebda valur"* (Vol. XXXV.iii.910).

[4] *"min jarbitra u jmur kontra dak li gie lilu ordnat b'mandat ta' inibizzjoni, filwaqt li dak il-mandat ikun ghadu jsehh jirrendi ruhu hati ta' disprezz ghall-Awtorita` tal-Qorti."* (**Vol. XXXV.iii.910**).

[5] F'dik il-kawza l-mandat ta' inibizzjoni kien gie dikjarat null fi proceduri li kienu ttiehdu. Il-Qorti ta' l-Appell irragunat li sakemm kien hemm ordni li ddikjarat il-mandat null, l-ordni originali li tat il-Qorti kellha tigi osservata.

[6] Ara rapport rilaxxat mill-perit Maria Attard Montalto datat 18 ta' Novembru 2004 u kkonfermat bil-gurament fis-seduta tal-25 ta' April, 2007.

[7] Il-perit Emanuel Vella.

Fir-rigward tal-allegazzjoni li l-konvenut baqa' jaghmel uzu minn ingenji kbar *"li kienu qeghdin joholqu l-vibrazzjonijiet u trehid li kien qed jikkawza d-danni"*[8], il-Qorti m'hijiex sodisfatta li din giet adegwatament ippruvata u min-naha tieghu l-konvenut ikkontestaha[9].

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, issibu hati ta' disprezz fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12) u tikkundannah ihallas multa ta' tliet mitt lira Maltija (Lm300), liema ammont ghandu jithallas fi zmien sebat (7) ijiem mil-lum fir-Registru tal-Qorti. Tichad it-tielet talba in kwantu mill-provi li tressqu jirrizulta li l-blat diga' tqatta' kollu u sahansitra nbena wkoll hajt.

Spejjez a karigu tal-konvenut, b'dan li l-ispejjez tat-tielet talba ghandu jaghmel tajjeb ghalihom l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

8 Rikors prezentat mill-konjugi Cassar fit-2 ta' Novembru 2004 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 59/2004.
9 Ara risposta fol. 6-7.